**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 26/13(27_12_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-1.00 ta' waranofsinhar.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-20 ta' Diċembru 2013.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u *Assistant Principal*.
6. Sejħiet għall-offerti: MXR/001/2013 sa MXR/008/2013.
7. Proġetti li qed isiru fil-Lokalità.
8. Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ġbir ta' Skart Separat'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 28/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Pool* Ġdid ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 29/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ikliet/Riċevimenti Organizzati mill-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 30/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Identifikazzjoni ta' Binjiet fil-Lokalitajiet biex isir l-Eżerċizzju tat-Tiġdid tal-Karti tal-Identità'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2013 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti u/jew Sejħiet għall-Offerti tal-Kunsilli Lokali dwar Skart'.

2.07 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Mistoqsija Parlamentari numru 6134 rigward il-konsulenti legali tal-Kunsilli Lokali.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) rigward il-Konferenza Nazzjonali tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità, fit-3 ta' Diċembru 2013, fil-lukanda New Dolmen, Il-Qawra.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-'Seminar Kunsilli Lokali dwar l-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013 – 2020', fil-25 ta' Novembru 2013, ġewwa l-lukanda Le Maridien, San Ġiljan.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal Ċirkulari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru Numru 19/2013 rigward 'Donazzjoni għall-Kampanja L-Istrina 2013'.

2.11 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali għaċ-Ċelebrazzjoni tal-20 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġewwa s-Sala tal-Arazzi, fil-Parlament ta' Malta, il-Belt Valletta, fl-20 ta' Novembru 2013.

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Enterprise Policy & Schemes Directorate, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar rigward l-'SME Week' bejn il-15 u t-22 ta' Novembru 2013, fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Laqgħa – LEAP – Building the Future Together promoting Social Mobility', fis-6 ta' Diċembru 2013, fil-Kunsill Lokali tar-Rabat (Città Victoria), Għawdex.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali rigward il-'Preżentazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013 – 2020'.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand Transport Malta rigward 'Derelict vehicles impounded by Local Councils' flimkien ma' kopja tas-*Subsidiary Legislation 65.13 – Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations*.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mails* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Reġjun Għawdex rigward 'Seminar 20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali – Ir-rwol u relevanza tagħhom illum', fl-4 ta' Diċembru 2013, fil-Grand Hotel, Għajnsielem.

2.17 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 79/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Reġistrazzjoni ta' Tagħlim Informali'.

2.18 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 80/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Rappurtaġġ ta' dehriet ta' bram'.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sexual Health Nurse, Health Promotion & Disease Prevention Directorate rigward il-'World AIDS Day', iċċelebrata fl-1 ta' Diċembru 2013.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali il-Minuti tal-Laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri tal-10 ta' Novembru 2012, fid-Dolmen Hotel & Spa, San Pawl il-Baħar.

2.21 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 75/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa Plenarja, is-Sibt 7 ta' Diċembru 2013, fil-lukanda Dolmen Resort, il-Qawra – Prgramm tal-laqgħa'.

2.22 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Customer Services – Lending Library fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward *colloquium* bit-tema 'Library services in Gozo, performance, problems and suggested improvements', fit-22 ta' Novembru 2013, fl-Exhibition Hall tal-Ministeru għal Għawdex. Dan il-*colloquium* huwa parti mill-Gozo Book Fest.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The Gozo University Group rigward il-'Youth Gozo' event.

2.24 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 76/2013 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ftuħ Uffiċjali tal-Head Office tal-AKL, fit-22 ta' Novembru 2013. F' din l-istess l-attività se jiġi miftuħ l-uffiċċju tal-European Direct Information Centre li jinsab fil-bini tal-AKL.

2.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-President tal-Legio X Fretensis – Malta fejn introduċa lil dan il-grupp u talab lill-Kunsill jikkonsidrah meta jkun ser jorganizza xi attività sabiex dan il-grupp jiġi mistieden jagħmel *performance*.

2.26 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2013 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Nfiq tal-Kunsilli Lokali'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2013 - Identifikazzjoni ta' Binjiet fil-Lokalitajiet biex isir l-Eżerċizzju tat-Tiġdid tal-Karti tal-Identità. L-Uffiċċju għall-Immaniġġjar tal-Identità jinsab fil-proċess li jidentifika binjiet, f'kull lokalità, li jistgħu jiġu armati u jintużaw bħala ċentru ta' tiġdid tal-Karta tal-Identità għaċ-ċittadini tal-istess lokalità. Huwa maħsub li, x'aktarx, l-eżerċizzju ta' tiġdid tal-massa ser jibda lejn nofs is-sena d-dieħla. Għalhekk il-Kunsill ġie mitlub jidentifika u jirrakkomanda postijiet li jistgħu jservu bħala *Front Office* għal dan il-għan. Il-Kunsill kien se jirrakkomanda l-binja tal-Kunsill.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Chief Finance Officer tal-GO plc fejn qed jinforma lill-Kunsill li minħabba tibdil fl-operat tagħhom fejn jidħol il-ħlas tal-kontijiet u l-alternattivi l-oħra li jeżistu jkun fl-aħjar interess ta' GO plc li jwaqqfu s-servizz ta' ħlas ta' kontijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill li qed jingħata preżentament. Dan ser jiġi fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2014. Il-GO plc talbet lill-Kunsill iwaħħal l-avviż li bagħtu mehmuż mal-ittra sabiex jiġu avvżati l-klijenti li kienu s-soltu jużaw dan is-servizz.

3.03 Il-Kunsill irċieva avviż mingħand Transport Malta li fil-ġranet tal-festi tal-Milied, jiġifieri, mill-21 ta' Diċembru 2013 sat-2 ta' Jannar 2014 ma jistgħux isiru xogħlijiet fit-toroq (iż-żewġ dati inklużi) sakemm ma tinġiebx approvazzjon bil-miktub mingħand Transport Malta. Sadanittant, Transport Malta mhix ser toħroġ permessi li l-perjodu tax-xogħol tagħhom jaħbat f'dawn id-dati.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ tan-Nadur u ta' Victoria f'isem l-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ Għawdxin. Huma qed jitolbu għajnuna finanzjarja mingħand il-Kunsill minħabba li qegħdin jippjanaw li jtellgħu ġurnata ta' attivitajiet fi żmien il-Milied fejn ser ikun hemm *slots* interessanti bħal taħditiet informattivi, logħob u attivitajiet, talent lokali u *bands* u *party* tal-għeluq. Ser isir ukoll *fund raising event* bħal *car wash* sabiex jinġabru donazzjonjiet għall-Istrina.
Is-Sur Paul Parnis informa lill-Kunsill li din il-proposta ma hijiex ser issir.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li hija inkarigata mill-*fundraising* ta' Inspire rigward *fundraising event* li saret fit-3 ta' Diċembru 2013. Huma qed jistiednu persuni mil-lokalità sabiex jattendu għal din l-attività.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Maltapost plc fejn infurmaw lill-Kunsill li s-*Sub-Post Office* li kien fix-Xlendi Hotel ġie magħluq u għaldaqstant is-servizz ta' *Sub-Post Office* ma għadux jingħata fil-lokalità. Il-Maltapost plc qed issaqsi lill-Kunsill jekk hux interessat li tinfetaħ *Sub-Post Office* fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Maltapost plc tilqa' wkoll xi suġġerimenti dwar postijiet oħra li jistgħu jagħtu servizz fil-lokalità. Il-Kunsill ma jaqbilx li jagħti dan is-servizz mill-Uffiċċju peress li għal dan ix-xogħol irid ikun hemm impjegat iddedikat fuq hekk u bħalissa ma huwiex f'pożizzjoni finanzjarja tajba.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun t'Għawdex rigward punti li tqajmu dwar in-nuqqas t'infurzar fuq l-ambjent fil-lokalitajiet. Il-Kunsill li jixtieq jagħmel xi tip ta' infurzar fil-lokalità tiegħu għandu jinforma lir-Reġjun dwar: triq jew post fejn qed isiru l-abbużi; ħin approssimattiv fil-ġurnata; liema jekk hemm xi ġranet partikulari u t-tip t'abbuż.

3.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Koordinatur tal-Istrina fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex jorganizza attività sabiex jinġabru fondi fejn dawn il-fondi jiġu ppreżentati lill-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta waqt l-Istrina li ser issir fis-26 ta' Diċembru 2013.

3.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali dwar Memo 94/2010 – Skema ta' Finanzjament għal Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet tagħhom. Qed jinforma lill-Kunsill li din l-iskema se tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2013 u jekk ma jirċevux il-*claim*, il-Kunsill se jitlef il-fondi. Il-Kunsill wieġeb fejn elenka d-diversi raġunijiet il-għaliex ix-xogħol ittardja.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali dwar Memo 7/2010 – Skema ta' Finanzjament għall-Aċċessibiltà Aħjar fil-Lokalità. Qed jinforma lill-Kunsill li din l-iskema se tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2013 u jekk ma jirċevux il-*claim* il-fondi ta' €10,000 se jintilfu. Il-Kunsill wieġeb bir-raġunijiet għaliex dawn il-fondi għadhom ma ntefqux.

3.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna li qed tiġbed l-attenzjoni dwar van abjad li huwa *scrap* u li qiegħed fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi. Il-Kunsill kien se jirreferi dan il-każ lill-*Wardens* u lill-Pulizija.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta fejn qed jitolbu rapport mingħand il-Kunsill Lokali rigward ir-*reserved parking* wara li saret talba biex isir *reserved parking* fi Triq ir-Ranċis, Ix-Xlendi. Il-Kunsill ma jħossx li huwa kompitu tiegħu li jimla r-rapport kif qed titlob Transport Malta.

3.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Perit Emanuel Vella rigward is-sit "Pirates Galley" ta' Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi sabiex jitpoġġew imwejjed, siġġijiet u umbrelel quddiem dan il-*kiosk*. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm l-iżvilupp isir skont il-pjanti proposti u skont il-kundizzjonijiet imposti mill-MEPA u l-MTA.

## 4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 26/13(27_12_13).

## 5.00 Il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u *Assistant Principal*.

5.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar il-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-*Assistant Principal*. Is-Sindku ppreżenta r-rapporti u ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *bonus* ta' 10% u l-*Assistant Principal bonus* ta' 6% skont ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv ir-rapport ser jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

## 6.00 Sejħiet għall-offerti: MXR/001/2013 sa MXR/008/2013.

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta tmien sejħiet għall-offerti sabiex jiġu ġġudikati mill-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li jiġġudika tnejn li huma l-aktar urġenti, jiġifieri, is-sejħa għall-offerti MXR/006/2013 - Servizz ta' *Contracts Manager* u MXR/005/2013 - *Supply of energy efficient equipment for the on-line streaming of meetings*.

6.02 L-offerta MXR/006/2013 - Servizz ta' *Contracts Manager* ingħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabu erba' offerti:

| NO | NAME OF TENDERER | Rate |
|---|---|---|
| 1 | Joseph Xiberras | $1^1/_2$% |
| 2 | John Saliba | 4% |
| 3 | Alexander Bigeni | 4% |
| 4 | Clint Camilleri | 3% |

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lill-Perit Clint Camilleri peress li minħabba l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jrid ikun Perit u kienet l-orħos offerta.

6.03 L-offerta MXR/005/2013 - *Supply of energy efficient equipment for the on-line streaming of meetings* ingħalqet u nfetħet fis-27 ta' Novembru 2013 u nstabet offerta waħda:

| NO | NAME OF TENDERER | € |
|---|---|---|
| 1 | Correct Termination Ltd. | L-Ewwel sena (2014) €1,900 + VAT = €2,242 (apparat)<br>+€ 150 (manutenzjoni)<br>€2,392<br><br>It-Tieni sena (2015) €750 + €125 + VAT = €1,032<br><br>It-Tielet sena (2016) €1,032<br><br>Ir-Raba' sena (2017) €1,032<br>€5,488 |

Skont Memo 17/2013 Għajnuna Finanzjarja għal-*Live Streaming*, il-Kunsill kien mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex qabel jintgħażel il-kuntrattur, il-Kunsill għandu jibgħat l-ispeċifikazzjonijiet lid-Dipartiment.

Sadattant, il-Kunsill irċieva din il-konferma u ntalab sabiex flimkien mal-Kuntrattur magħżul jibda l-installazzjoni u l-implimentazzjoni ta' din is-sistema.

L-għajnuna finanzjarja tingħata meta tiġi approvata mid-Dipartiment. Għaldaqstant meta l-installazzjoni titlesta d-Dipartiment għandu jiġi infurmat sabiex jiċċertifika:

1. Id-data u l-ħin tal-ewwel *online meeting*, sabiex din tiġi *monitored.*
2. Rappreżentant mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jista' jżur l-Uffiċċju tal-Kunsill sabiex jiċċertifika l-apparat installat, u li huma konforma ma' dak propost.
3. Il-*website* tal-Kunsill li tkun tinkludi l-*exposure* tal-*Online Meeting* u l-i*streaming page layout*.
4. *Online streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill
   - *Vision and sound quality*
   - *Streaming feeds quality*
   - *Council logos embedded in the streams*

Il-Kunsill huwa marbut mid-Dipartment għall-Gvern Lokali li l-installazzjoni għandha ssir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2014.

Is-Sur Robert Mallia ddikkjara li għandu interess u rtira mil-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Correct Termination Ltd. peress li kienet l-unika offerta u bi prezzijiet raġonevoli.

**7.00 Proġetti li qed isiru fil-Lokalità.**

7.01 Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar. Il-*culvert* għas-servizzi tal-*cables* tad-dawl għadu kemm tlesta u bħalissa qed jinbidlu l-*mains* tal-ilma u jiżdied *main* tad-dawra tal-pjazza.

7.02 Il-Kunsill ġie informat li *Lot* 2 tat-*Tender* MXR/003/2011 – (MG 300/2010/05) – *Creating a Pedestrian Zone within Il-Munxar Church Square* ta' Eco-Gozo ma hijiex ser tinħadem minn Road Construction Co. Ltd. Għaldaqstant il-Kunsill informa lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. sabiex jippreparaw speċifikazzjonijiet ġodda biex toħroġ *tender* għal-*Lot* 2 biss.

7.03 Ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq ir-Rumani huma wieqfa peress li issa jmiss li ssir trinka għall-*cable* tad-dawl li jibqa' sejjer sa Triq il-Qsajjem, liema xogħol ta' *trenching* ma jistax isir qabel it-2 ta' Jannar 2014.

7.04 Ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Kavallieri huma wieqfa peress li l-Water Services Corporation għadhom iridu jibdlu l-*mains* tad-drenaġġ.

7.05 Is-servizz tal-ilma tad-djar ta' Triq l-Andrijiet/Ta' Rinota tlestew u issa l-Kuntrattur qed jistenna lill-Water Services Corporation iżidu żewġ *inspection holes* fil-*main* tad-drenaġġ u jpoġġu l-*main* tad-drenaġġ li jagħti għat-triq il-ġdida.

7.06 Ix-xogħol ta' tiżbiħ ta' Triq il-Kantra huwa wieqaf u jitkompla fil-bidu tas-sena d-dieħla.

7.07 Xogħlijiet pendenti li baqa' dwar it-twaħħil ta' *poles* għal mixja ser ikunu lesti l-ġimgħa d-dieħla.

**8.00 Applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Skrivan/a.**

8.01 Saru l-intervisti lil dawk li applikaw fuq *part* 1. Kienu 3 li attendew. Ħadd ma intgħażel. Il-Kunsill talab sabiex l-ETC tibgħatilna l-persuni li huma f' *part* 2 u *part* 3. L-ETC talbet lill-persuni li huma kandidati eleġibbli sabiex jibagħtu s-CV tagħhom lill-Kunsill sal-1 ta' Diċembru 2013 għall-*part* 2 u sal-15 ta' Diċembru 2013 għall-*part* 3. Kienu 13-il persuna li bagħtu s-CV tagħhom minn *part* 3. Applikazzjoni waħda kienet minn Malta u 12 kienu minn Għawdex. Il-Kunsill ser jara l-kriterji neċessarji għal dan il-post u jsiru l-intervisti.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

9.01 Dawn ix-xogħlijiet ġew irrapportati fil-proġetti li qed isiru fil-lokalità.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku kien attenda għal-laqgħa mal-*Paying Office* rigward il-Miżuri 323 u 313. Issa l-Kunsill irid jikteb sabiex dawk il-fondi li ġew iffrankati jintużaw sabiex isiru affarijiet oħra.

10.02 Is-Serata ta' Jum Il-Munxar irnexxiet u kienet tkun aktar sabiħa s-Serata li kieku attendew l-*ex*-Kunsilliera kollha.

10.03 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-bankina li hemm quddiem il-Lighthouse Supermarket tiżloq u diġà waqgħu xi persuni. Il-Kunsill irid jara x'jista' jirrimedja jekk hux jitpoġġa xi *stuff* jew jintmess il-wiċċ tal-bankina.

10.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed jintefa' ħafna skart maġenb l-iskips li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi. Qed issir sorveljanza mill-Pulizija u *Wardens*.

10.05 Waqt is-Serata ta' Jum Il-Munxar, is-Sindku tkellem mal-Ministru għal Għawdex dwar il-monument tal-Professur Ġużè Aquilina. Il-Ministru wiegħed l-għajnuna tal-Ministeru sabiex dan il-monument isir.

10.06 Residenti ta' Sqaq l-Isdieri qed jitolbu sabiex l-ilqugħ għall-ilma tax-xita li ser isir f'dan l-isqaq għandu jsir permezz ta' katusa minn taħt il-wiċċ li tagħti direttament għal ġol-bir. Il-Kunsill kien ser jipprova li dan ix-xogħol isir minn ħaddiema tas-CMU.

10.07 Is-Sindku feraħ lis-Sur Paul Parnis li ġie maħtur Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Huwa kien preżenti għal-laqgħa.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa ser jibqagħlu xi sigħat ta' *Vacation Leave* għas-sena 2013 li mhux ser ikun possibbli li jieħu f'din is-sena minħabba ħafna xogħol li kellu relatat ma' fondi tal-Ewropa u nuqqas ta' *staff* fil-Kunsill. Għaldaqstant qed tintalab approvazzjoni mill-Kunsill sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jħalli 191.75 siegħa sabiex dawn jittieħdu fis-sena 2014. Jekk id-Dipartiment japprova 96 biss, id-differenza ta' 97.75 għandhom jittieħdu mit-*time-off* li diġà utilizza matul is-sena 2013 peress li s-Segretarju Eżekuttiv qed jiftaħ l-Uffiċċju kull nhar ta' Sibt. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill.

11.02 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi dwar fejn u meta ser issir l-ikla tal-Milied. Ġie deċiż li din is-sena l-ikla ssir fit-2 ta' Jannar 2014 fl-lukanda St. Patrick's għall-prezz ta' €30 kull persuna. Għal din l-ikla se jkun mistieden il-Kunsill, il-Kumitat Amministrattiv, il-ħaddiema tal-Kunsill u l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar kwotazzjonijiet mingħand Cordina Steel Works sabiex isiru tliet *barriers* galvanizzati fil-*Playing Field* tal-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957. Il-prezz huwa ta' €453 VAT inkluża. Ġie deċiż li dawn il-*barriers* isiru.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Is-Sinjura Carmen Said talbet lis-Sindku sabiex jagħti informazzjoni dwar l-aħħar żviluppi tal-mafkar tal-Professur Ġużè Aquilina. Il-familjari tal-Professur diġà qed joffru abbozz tal-*bust* tal-Professur. Il-Ministeru għal Għawdex qed joffri s-servizz tal-Iskultur Joseph Farrugia sabiex jieħu ħsieb li jsir monument *life size*.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fl-4.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2014, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***